MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 338/2010

Rikors Numru 338/2010 FDP

F Advertising Limited
(C 27689)

vs

Antoine Degiorgio

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat fit-22 ta' Settembru 2010 fejn is-socjeta attrici talbet lill dina l-Qorti tordna lill-intimat Antonie Degiorgio ihallasha s-somma ta' disa' t'elef, sitt mija u sittax-il Euro (€9,616) rapprezentanti ammont ta' riklamar minnu dovut lilha abbazi ta' erba skritturi privati iffirmati fil-5 ta' Awissu 2008.

Rat illi fis-7 ta' April 2011, l-intimat ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fejn, fost affarijiet, ressaq eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi jikkontendi illi l-kuntratt kien wiehed ta' senserija.

Rat illi fit-2 ta' Dicembru 2011, il-partijiet qablu illi ghandhom jingiebu provi u tigi deciza l-ewwel eccezzjoni imressqa.

Semghet ix-xhieda ta' Vincent Baldacchino, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, prodott mill-intimat, kemm in ezami kif ukoll in ri ezami, moghtija fil-15 ta' Ottubru 2012 u d-dokument esebit mill-intimat dakinhar.

Rat id-dokumentazzjoni esebita fis-26 ta' Novembru 2012 mill-intimat, wara liema presentanzzjoni, gie dikjarat illi ma kienx hemm aktar provi x'jipprezentaw u li l-kawza setghet tigi differita ghal trattazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-abli difensuri tal-partijiet fil-25 ta' Frar 2013.

Ikkunsidrat

Illi l-eccezzjoni imressqa mill-intimat hija dik ipprovduta fl-artikolu 2148 (e) tal-Kap 16 illi tipprovdi li :-

L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tminax-il xahar:

......

(e) l-azzjonijiet tas-sensala, ghad-dritt tas-senserija.

Illi l-konvenut, tul il-provi prodotti, esebixxa hames kuntratti iffirmati bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat li, presumibbilment, huma l-kuntratti li abbazi taghhom is-socjeta rikrorenti qieghda tibbaza il-kawza taghha, la darba hija ma esebietx tali dokumenti hija stess, liema kuntratti, l-intimat qieghed jikkontendi huma kuntratti ta' senserija.

Ikkunsidrat

Illi l-bazi tal-eccezzjoni tal-intimat hija marbuta intrinsikament man-natura tal-kuntratt illi l-istess intimat kien ghamel mas-socjeta rikorrenti u li abbazi taghha hija niedet il-proceduri odjerni.

Illi, f' materja ta' senserija huma applikabbli principji esposti, fost qrati ohra, mill Prim Awla fil-kawza 'Bugibba Real Estate Limited vs Joseph u Anna, konjugi Portelli' deciza 30 ta' Mejju 2003, fejn intqal:

"Illi in tema legali jigi osservat li biex jiskatta d-dritt ghas-senserija jridu jikkonkorru tlett elementi principali: (1) illi l-konkluzjoni tan-negozju prospettat; (2) Illi l-intromissjoni tas-sensar tkun giet rikjesta jew almenu accetata miz-zewg kontraenti; u (3) Illi l-attivita' tas-sensal tkun wasslet lill-partijiet ghal in idem placitum consensus. Fin-nuqqas ta' wiehed minn dawn l- ingredjenti ma tistax tigi sostnuta talba ghal hlas ta' senserija, imma jista' biss 'per equipollens' jinghata kumpens ghax-xoghol maghmul, fuq il-massima legali li omnia labor optat premium."

Illi, dana qieghed jinghad peress illi l-kuntratt tas-socjeta rikorrenti ghandu jigi ezaminat, kemm minn lottika ta' elementi ta' senserija, kif ukoll mill-ottika ta' dak illi huwa miktub fih stess.

Illi, jirrizulta, mid-dicitura kollha tal-kuntratt li l-intimat qabbad lis-socjeta attrici sabiex jirreklama il-propjeta tieghu sabiex dina tilhaq ix-xewqa tal-intimat illi gie indikat bhala

" ... Wish to market the sale of their property in the best manner to try and reach the widest spectrum possible of prospective buyers"

Illi jirrizulta ukoll illi l-istess ftehim jipprospetta li f'kaz li l-intimat iqabbad kumpannija stabbilita' ta' senserija, l-

ammont dovut ghas-servizz pprovdut mis-socjeta rikorrenti jigi mnaqqas konsiderevolment.

Illi, mill-provi prodotti, ma giex stabbilit mill-intimat illi l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti marret oltre dak illi tirreklama il-propjeta in kwistjoni, u ghalhekk ma giex ppruvata illi l-elementi ta' senserija kif fuq stabbiliti jesistu. Ghalhekk, la darba l-elementi ta' senserija ma gewx ippruvati, il-Qorti trid tistrieh fuq il-kuntratti esebiti mill-istess intimat, liema kuntrtatu juru bic-car illi s-sevizz res kien wiehed ta' riklamar u mhux senserija kif qieghed jigi allegat.

Illi ghalhekk, la darba stabbilit in-natura tal-azzjoni odjerna, l-eccezzjoni imressqa mill-intimat illi l-azzjoni odjerna hija presritta bit-trapass ta' tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 (e) tal-Kap 16 ma tregix.

Konkluzjoni

**Il-Qorti,**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti sa issa fuq l-ewwel eccezzjoni u semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat u

Tordna il-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------